MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2013

Numru. 530/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin Pulis]**

**vs**

**Charlot Cumbo**
**Ryan Grima**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charlot Cumbo detentur tal-karta tal-identita` numru 0149187 (M) u Ryan Grima detentur tal-karta tal-identita` numru 0276894(M).

Akkuzati talli:

1. fil-31 ta’ Mejju, 2013, ghall-habta ta’ 23:30hrs ta’ filghaxija, gewwa tal-Barrani, limiti taz-Zejtun, ikkommettew serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Escort MK6,

ta' kulur ahdar, liema serq huwa aggravat bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa, u bil-valur, liema valur jammonta iktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Daniel Micallef;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirskostanzi u/jew fil-granet ta' qabel, f'dawn il-gzejjer xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentament b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghhom jew imexxuhom;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw xi hsara jew hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe` ghamlu hsara li tiskorri il-mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), izda ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), ghad-dannu ta' Daniel Micallef.

Rat il-fedina penali tal-imputati li huma netti;

Rat l-ammissjoni tal-imputati ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghataw iz-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom; u

Rat l-eta` zghira taghhom u l-fatt illi din kienet bravata ta' darba.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 267, 270, 271, 280(1), 325(1)(a) u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib liz-zewg imputati Charlot Cumbo u Ryan hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom, u stante li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------